MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 2287/2004

**Middlesea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' Camilleri Holdings Limited**

**vs**

**Neville Gafa' u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 2005 gie kjamat in kawza Redent Pintley**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu hlas ta' tmien mija u sebghin liri u erbghin centezmi (LM870.40,0) lis-socjeta' attrici nomine mill-konvenuti rapprezentanti d-danni kkagunati fuq il-vettura ta' Camilleri Holdings Limited, liema danni gew subiti mill-istess rizultat ta' incident awtomobilistiku datat il-5 ta' Marzu, 2004 fi Triq Mdina, Qormi, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura GAF-100 u habat mall-vettura KAH-271 li

sussegwentement mxiet ghal fuq il-vettura LEX-180 proprjeta' ta' Camilleri Holdings Limited.

Illi l-konvenut jitqies unikament responsabbli ghall-incident imsemmi minhabba mprudenza, negligenza u nnoservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata u pprezentata t-Tnejn 2 ta' Dicembru, 2004 kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet mid-data tal-incident.

Ra r-risposta tal-konvenut Neville Gafa' fejn gie sollevat illi :-

1) L-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija ta' Redent Pintley, xufier tal-vettura nru KAH-271. Ghalhekk l-eccipjent jitlob l-kjamata fil-kawza tal-imsemmi Redent Pintley ta' 325, Mdina Road, Qormi.
2) Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta' atrici. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tad-danni skond il-ligi.
3) In oltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghal hlas ta' danni favur is-socjeta' attrici.
4) Bla pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas tal-imghax kif dedotta ghandha tkun respinta stante li l-imghax (jekk jirrizulta dovut) ghandu jiddekorri mid-data tan-notifika tal-avviz u mhux mid-data tal-incident kif pretiz mis-socjeta' attrci.
5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
6) Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ra r-risposta sollevata mill-kjamat in kawza Redent Pintley fejn gie sollevat illi preliminarjament s-socjeta' attrici ghandha tipprova li hija s-sid tal-vettura in kwistjoni.

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut Redent Pintley sewwieq tal-vettura KAH-271 u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq premess l-atturi jridu jaghmlu l-prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Ra d-dokumenti kollha ezebiti.

Ra x-xhieda ta’ Edward Pace Balzan, John Borg Bellanti, Warden 294 Simon Debono. L-Affidavit ta’ Alexia Camilleri kif ukoll sema x-xhieda ta’ Alexia Camilleri, Redent Pintley u Neville Gafa’.

Sema t-trattazjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra :-

Is-socjeta’ attrici talbet mill-konvenuti s-somma ta’ tmien mija u sebghin lira u erbghin centezmi (LM870.40) ghad-danni sofferti wara habta li saret f’Mdina Road, Qormi. Din il-habta giet kkontestata mill-konvenut Neville Gafa’ u b’digriet tal-21 ta’ Jannar gie kjamat in kawza Redent Pintley, sewwieq tal-vettura KAH-271.

Illi l-kollizjoni in dizamina hija wahda multipla. Mix-xhieda u dokumenti ezebiti jirrizulta li Alexia Camilleri s-sewwieqa tal-vettura LEX-180 liema vettura hija assikurata mas-socjeta’ attrici u tappartjeni lil Camilleri Holdings Limited, kienet involuta f’incident awtomobilistiku ma’ zewg vetturi ohra f’Imdina Road, Qormi fil-5 ta’ Marzu, 2004. Jidher illi din il-vettura kienet habtet mall-vettura KAH-721 misjuqa minn Redent Pintley, il-konvenut kjamat in kawza. Mall-habta il-vettura KAH-271 mxiet u kaxkret il-genb tal-vettura LEX-180. Jidher ukoll mill-Atti illi il-vettura ta’ Redent Pintley kienet qalghet daqqa’ mill-vettura GAF-100 misjuqa mill-konvenut Neville Gafa.’ Hawnhekk hawn zewg tezijiet konfliggenti. Filwaqt illi l-konvenut Neville Gafa’ (GAF-100) jichad illi huwa kien responsabbli ghall-incident peress illi l-incident kien diga’ sehh meta huwa laqghat il-vettura ta’ Redent Pintley, (KAH-271), il-kjamat in kawza Redent Pintley (KAH-721) jghid illi huwa gie milqut mill-vettura tal konvenut Neville Gafa’ (GAF-100) li tefaghtu ghal fuq il-vettura tas-socjeta’ attrici (LEX-180.)

It-Tribunal jirrileva illi l-verzjoni ta’ Alexia Camilleri hija veritjera u konvincenti u li l-vettura misjuqa minna kienet subiet danni kawzati mill-vettura misjuqa mill-kjamat in kawza. Fl-affidavit ta’ Alexia Camilleri hija tghid illi mall-incident il-vettura GAF-100 kienet hemm, izda tghid ukoll illi qabel l-incident hija u hierga minn Triq it-Tigieg rat lill-vettura KAH-271 izda ma kientx rat il-vettura tal-konvenut Neville Gafa’ (GAF-100).

Fix-xhieda tal-konvenut Neville Gafa’ huwa jghid illi huwa kien ra l-*pick up* KAH-271, misjuqa mill-kjamat in kawza Redent Pintley tahbat mall-vettura LEX-180. Huwa sostna illi mall-habta l-vettura ta’ Redent Pintley kienet qed tokkupa parti tal-lane li kien miexi fiha hu u li konsegwentement habat fil-*pick up van. (*KAH-271.)

It-tribunal ra x-xhieda moghtija mitt-tlett partijiet *a tempo vergine* lil Warden fil-posta tal-incident. Hawhekk jista’ jinghad illi l-verzjoniijiet ta’ Alexia Camilleri, Redent Pintley u Neville Gafa’ baqghu l-istess izda fix-xhieda ta’ Neville Gafa’ *a tempo vergine* kien qal ukoll illi huwa kien habat mall-vettura  misjuqa mill-kjamat in kawza wara li kien ghafas il-‘breaks’ sabiex jevita lil ‘Pick up Van’ izda peress illi l-art kienet imxarrba il-‘break’ ma zammx.

Illi dwar il-*quantum* mitlub  gie osservat ‘supra’ li dwaru m’hemmx kontestazzjoni.

L-istanza ta’ din il-kawza hija kollizjoni bejn tlett vetturi u hsara   li sehhet fil-vettura LEX-180. Is-socjeta’ attrici qieghda tghid illi mall-habta il-vettura misjuqa minn Alexia Camilleri tkaxkret. Dwar dan m’hemmx kontestazzjoni. Il-kontestazzjoni qieghda ssir bejn iz-zewg konvenuti li qieghdin jaghtu zewg verzjonijiet konfliggenti. Minn naha wahda l-kjamat in Kawza Pintley jghid illi huwa gie milqut mill-vettura tal-konvenut Gafa’ li mad-daqqa’ l-*van* mexa ghal fuq il-vettura LEX-180 u kaxkrilha l-genb,  filwaqt illi l-konvenut Gafa’ jghid illi l-*van* kien diga’ dahal fil-vettura LEX-180 meta hu tilef il-kontrol u habat ma’ wara fuq il-lemin tal-vann.

It-Tribunal ezamina estensivament ir-ritratti tal-hsarat fil-vetturi, l-iskizz u r-rapport tal-Warden.

Jirrizulta mid-dokumenti pprezentati illi l-incident sehh fil-5 ta' Marzu, 2004, u li l-art kienet f'kundizzjoni mxarrba peress illi kienet nizlet ix-xita.

Huwa fatt konstata illi is-sewwieqa tal-vettura LEX-180 ma kienetx responsabbli ghal dan l-incident.

It-Tribunal jirrilleva li trattandosi ta' zewg verzjonijiet tal-konvenuti konfliggenti, ikollha tirreferi u toqghod fuq id-deposizzjonijiet kontrastanti moghtija mill-partijiet u testendi l-indagini taghha fuq il-provi dokumentali li ghandhom iwassluha ghas-soluzzjoni gusta tal-vertenza.
Fil-Kawza ***Moira Galea vs Michael Zerafa, Appell, 6/10/2000*** il-Qorti qalet "f'kawza tax-xorta in ezami kien jinkombi fuq il-Qorti li tipprova tikkostruwixxi d-dinamika tal-incident b'kull element ta' prova a disposizzjoni taghha. Dan biex minn tali rikostruzzjoni tkun tista' tasal biex tidentifika r-responsabilitajiet reciproki tas-sewwieqa involuti fl-incident relatati mall-osservanza jew non-osservanza da parti taghhom tar-regolamenti tat-traffiku li huma kienu obbligati li josservaw fic-cirkostanzi li fihom sehh is-sinistru. Fir-rikostruzzjoni ta' tali dinamika jassumu allura rilevanza spiss determinanti b'provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lill-verzjoni u mhux lill-ohra u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra."

Dan jghodd ferm aktar f'kaz fejn ghandek kollizjoni multipla u fejn allura kull wiehed mis-sewwieqa jaghti verzjoni offuskata mill-interess partikolari jew minn impressjoni mhux cara. Wiehed m'ghandux jinsa' illi l-incident ikun sehh f'atti ta' sekondi u li jista' jkun illi s-sewwieq ma jkunx konxju minn dak li jkun verament gara.

L-incident kien sehh fi Triq Mdina, Qormi li hija triq principali u twila li tibda bi tlett lanes u li tispicca f'zewg lanes. Din hija triq li taghti minn Qormi sa Zebbug u tkompli sar-Rabat. L-incident sehh fil-parti li taghti ma Hal-Qormi.

Jista' jinghad illi din il-parti ta' Mdina Road fejn sehh l-incident, hija triq wiesgha u li tidjieq f'zewg lanes fejn gara l-incident. Il-Vettura LEX-180 kienet harget minn *side road* msejjha Triq it-Tigieg li tinsab fuq ix-xellug ta' Mdina Road. Waqt li hija kient hierga mis-side road hija kienet intebhet bil-vettura KAH-271 u kienet mall-genb taghha fuq in-naha ta' wara taghha. Hija tghid illi f'daqqa wahda hasset il-vettura KAH-271 tkaxkar il-vettura taghha tant illi l-vettura KAH-271 spiccat ftit akar 'l quddiem. Mall-incident hija intebhet illi kien hemm involuta l-vettura GAF-100.

Mir-ritratti ezebiti jidher illi d-daqqa subita fil-vettura misjuqa mill-konvenut Gafa' hija fuq in-naha ta' quddiem fuq ix-xellug u hija daqa' pjuttost qawwija. Id-daqqa subita mill-vettura KAH-271 u cioe' *il-pick up vann* tirrizulta f'ghafsa qawwija fil-parti ta' wara tal-vann.

Jista' jinghad illi l-vettura GAF-100 kienet miexja bi speed pjuttost qawwija biex garrbet il-hsara rizultanti u biex wasal biex jiskiddja b'tali mod*. A tempo vergine* il-konvenut Neville Gafa' kien qal illi huwa kien ibbrejkja u kif ghamel hekk iskiddja. Jista jinghad li fil-konfront ta' Neville Gafa' huwa ma kienx qed izomm d-distanzi regolamentari ta' sikurezza u lanqas kien qed josserva l-limiti ta' velocita' fic-cirkostanzi u cioe' ghalkemm kien possibli li l-konvenut kien qed isuq fil-limiti ta' velocita' permessa dan ma jfissirx illi wiehed m'ghandux juri prudenza u ghaqal fis-sewqan specjalment jekk l-kundizzjonijiet tat-triq ma jippermettux sewqan ta' certa velocita'. Fix-xhieda ta' Alexia Camilleri hija kienet qalet illi meta harget mit-Triq it-Tigieg kienet rat il-vettura tal-konvenut kjamat in kawza Redent Pintley izda mhux il-vettura tal-konvenut Neville Gafa'.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati ta' Malta illi 'driver' ta' karozza ta' wara jista' jkun hati ta' negligenza kontributorja jekk ma kellux il-kontroll shih tal-karozza tieghu. Il-konvenut Gafa' intebah bil-pick up Van fil-lane tieghu tard wisq. Kieku ntqal illi b'xi mod *il-pick up van* KAH-271 kien ghamel xi manuvra u f'daqqa dahal fil-lane ta' Gafa' din l-allegata manuvra minn naha ta' Pintley

setghet tissejjah negligenza kontributorja, izda dan me sehhx u hadd ma xehed b'tali mod. Il-konvenut Gafa' sostna illi l-incident bejn LEX-180 u KAH-271 kien diga sehh u kif intebah b'dan l-incident ibbrejka u konsegwentement skiddja u dahal fil-vann KAH-271. Izda dan it-Tribunal m'huwiex konvint li Neville Gafa' kien fil-fatt ra li kien sehh incident bejn il-vettura KAH-271 u LEX-180. Dan it-Tribunal huwa akatr konvint bit-tesi lli minhabba velocita' tal-vettura GAF-100, il-vettura kellha tibbrejka ghaliex sabet il-vettura KAH-271 fil-lane taghha, kif ibbrejkja skiddja u dahal fuq wara tal-vann u bl-impatt l-vann tkaxkar mall-genb tal-vettura LEX-180.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut Neville Gafa' ihallas s-somma ta' tmien mija u sebghin Liri u erbghin centezmi ( LM870.40,0) lis-socjeta' attrici bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza.

Spejjez tal-kawza a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------